MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2011

Numru 17/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**James Demanuele**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 17 tas-sena 2010 kontra l-akkużat James Demanuele, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi l- akkuzat JAMES DEMANUELE kellu relazzjoni ma` certu Elena Maria Felice u minn din ir-relazzjoni kellhom tifla. Sfortunatament din ir-relazzjoni bejn l– akkuzat u Elena Maria Felice spiccat hazin u inqalghu diversi problemi bejniethom. Illi fid- disgha (9) ta` Dicembru tas –sena elfejn u tmienja (2008) ghall- habta tal- ghaxra (10.00am) ta` filghodu l- akkuzat JAMES DEMANUELE mar fil –bini tal –Qorti, il- Belt Valletta immanetjat u skortat mill–Pulizija u dan ghaliex dakinhar stess kellu kawza l –Qorti fl –awla numru

sbatax (17). Meta l–akkuzat kien diehel f`din l–awla gie wicc imb`wicc ma` Elena Maria Felice, li kienet diehla go l- awla hija wkoll. L-akkuzat JAMES DEMANUELE**,** x`hin ra lil Elena Maria Felice quddiemu, aggrediha u attakkaha vjolentement u taha diversi daqqiet b`idejh u b`saqajh. Dan l-attakk feroci minn naha ta` l –akkuzat fil – konfront ta` Elena Maria Felice sehh ghal xejn b`xejn u minghajr ma kien hemm l –ebda tip ta` provokazzjoni.

Minhabba d-daqqiet li taha l–akkuzat, Elena Maria Felice garrbet offiza gravi fuq il –persuna u cioe` ksur fis-sieq il–leminija liema offiza gravi gabet marda tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed. L-akkuzat ikkaguna din l –offiza gravi fuq il-persuna ta` Elena Maria Felice u cioe` fuq persuna li maghha ghandu tarbija komuni. Waqt din l-aggressjoni, l- akkuzat JAMES DEMANUELE hedded diversi drabi bil –mewt lil Elena Maria Felice.

Illi l–akkuzat JAMES DEMANUELE instab hati diversi drabi b`sentenzi moghtija mill- Qorti ta` l – Appell Kriminali fosthom fis-sittax (16) ta` Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fl- ghaxra (10) ta` Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), fl–ismijiet "Il-Pulizija vs. James Demanuele" liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Illi b`ghemilu l-imsemmi JAMES DEMANUELE sar recidiv u hati li ikkaguna offiza gravi fuq il –persuna liema offiza gravi gabet marda tal- gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed u li saret fuq persuna li maghha ghandu tarbija komuni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi JAMES DEMANUELE recidiv u hati li ikkaguna offiza gravi fuq il –persuna liema offiza gravi gabet marda tal- gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed u li saret fuq persuna li maghha ghandu tarbija komuni.

Talab li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghal-piena ta`

prigunerija minn seba` xhur sa hames snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 216(1)(d), 222(1) (a), 202(h), 17, 49, 50, 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi iz-zmien u taht ic- cirkustanzi indikati fl- ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe' fid- disgha (9) ta` Dicembru tas –sena elfejn u tmienja (2008) ghall- habta tal-ghaxra (10.00am) ta` filghodu l- akkuzat **JAMES DEMANUELE** mar fil –bini tal –Qorti, il- Belt Valletta immanetjat u skortat mill–Pulizija u dan ghaliex dakinhar stess kellu kawza l –Qorti fl –awla numru sbatax (17). Meta l–akkuzat kien diehel f`din l–awla gie wicc imb`wicc ma` Elena Maria Felice, li kienet diehla go l-awla hija wkoll. L –akkuzat x`hin ra lil Elena Maria Felice quddiemu, aggrediha u attakkaha vjolentement tant li taha diversi daqqiet b`idejh u b`saqajh. Waqt din l –aggressjoni inutli u ghal xejn l –akkuzat **JAMES DEMANUELE** hedded diversi drabi lil Elena Maria Felice bil –mewt u qallha kliem bhal "la nohrog minn hawn noqtlok zgur". Kliem bhal dan huwa theddid car ta` mewt fil konfront ta` Elena Maria Felice.

Illi b`ghemilu l-imsemmi **JAMES DEMANUELE** sar hati li hedded bil- mewt lil Elena Maria Felice

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi **JAMES DEMANUELE** hati li hedded lil Elena Maria Felice bil–mewt.

Talab li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghal-piena ta` detenzjoni ghal zmien ta` mhux iktar minn xahrejn u ammenda ta` mhux iktar minn tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (58.23) u mhux inqas minn sitt euro u disgha u disghin centezmu (6.99) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 339 (e), 17 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-ġurati tal-lum li bih, bi 7 voti favur u b' 2 kontra, sabu lill-akkużat **ħati** skond l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża u **ħati** b 7 Voti favur u bi 2 kontra tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża

Tiddikjara għalhekk lil James Demanuele, recediv u hati talli
1. fid- 9 ta' Dicembru, 2008 ghall-habta tal-10.00 a.m. fil-bini tal-Qorti l- Belt, Valletta, kkaguna offiza gravi fuq il–persuna liema offiza gravi gabet marda tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed u li saret fuq persuna li maghha ghandu tarbija komuni. u dan skond l-Ewwel Kap tal-Akkuża.

2. fid-9 ta' Dicembru, 2008 ghall-habta ta' 10.00 a.m. fil-bini tal-Qorti, l- Belt, Valletta, hedded lil Elena Maria Felice bil–mewt. u dana skond it- Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w eżaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Malcolm Mifsud, li jinsabu kollha registrati w senjatament (imma mhux biss) is-segwenti:-
(1) Illi l-vot mhux unanimu iżda ta' 7 bi 2.
(2) Illi l-ġurati talbu għall-klemenza;
(3) Illi l-ħati mill-ewwel qal x'kienet il-pożizzjoni tiegħu sa mill-bidunett;
(4) Illi l-ħati qal ukoll li jiddispjaċih għal dak li għamel;

Il-Prosekuzzjoni min-naħa l-oħra ssottomettiet:
(1) Illi l-piena għandha tkun aktar lejn il-massimu;
(2) Illi l-fedina penali hija waħda ta' ksur tal-liġi kontinwu sa mill-1993;
(3) Illi mill-istess fedina penali jirriżulta li kien hemm okkażjonijiet oħra fejn il-ħati ħebb għal Elena Felice (talanqas 3 darbiet);

(4) Illi il-ħati huwa reċidiv u għalhekk ma tistax tingħata sentenza sospiża.

Fir-replika tiegħu l-abbli avukat difensur reġa' rrrepeta li l-piena m'għandhiex tkun lejn il-massimu minħabba t-talba għall-klemenza da parti tal-ġurati.

Il-Qorti qed tqis dawn il-fatturi kollha speċjalment:
(a) It-talba għall-klemenza;
(b) Il-vot ta' 7 bi 2 la huwa l-massimu u lanqas huwa minimu
(c) Illi għalkemm l-akkużat qal li jiddispjaċih għal dak li għamel, mill-provi irriżulta li r-reat tiegħu wassal għall-ksur tal-għaksa u tal-metatharsals.
(d) Oltre dan, din ma kenitx l-ewwel darba li huwa ħebb għal Elena Felice.
(e) U r-reċidiva.

L-artikolu 216 tal-Kap 9 jipprospetta piena ta' bejn 3 xhur u 3 snin li dawn jekk jogħlew bi grad (ir-reċidiva) u bi grad ieħor minħabba dak li jirrpovdi l-artikolu 222(1)(a) u 202(h) flimkien jitilgħu bejn 7 xhur u 5 snin. Il-Qorti jidhrilha li wara li qieset is-sottomissjonijiet kollha, speċjalment il-fedina penali u t-talba għall-klemenza, il-piena dwar l-ewwel Kap, għandha tkun ta' sentejn u disa' xhur.

Dwar it-tieni Kap għandha tkun imposta ammenda.

**Konklużjoni.**

Għaldaqstant, wara li qieset dan kollu, inklużi kull sottomissjoni tad-difiża l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(d), 222(1)(a), 202(h), 17, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħati James Demanuele għall-piena ta' sentejn u disa' xhur priġunerija u ħlas ta' ammenda ta' €58.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------